# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

# IMĦALLEF

# ONOR. DAVID SCICLUNA LL.D., MAG.JUR. (EUR.LAW)

## Seduta ta' nhar-il Erbgħa 29 ta' Marzu 2017

**App. Nru. 166/2011 DS**

**Il-Pulizija**

**v.**

**Alfred Camilleri**

## Il-Qorti:

**1.** Rat l-imputazzjonijiet miġjuba mill-Pulizija Eżekuttiva kontra Alfred Camilleri, detentur tal-karta ta' l-identita` numru 483254(M), talli:

(1) fit-13 ta' Mejju 2005 għall-ħabta tas-sitta ta' filgħaxija, ġewwa Ħaż-Zebbuġ bil-ħsieb li jagħmel delitt u cioe` li jikkaġuna feriti ta' natura gravi fuq il-persuna ta' martu Rita Camilleri, wera dan il-ħsieb b'atti esterni u ta bidu għall-esekuzzjoni tad-delitt meta filwaqt li kellu l-kontroll u/jew kien qiegħed isuq vettura numru FAS-689 saq fid-direzzjoni ta' l-imsemmija Rita Camilleri, liema delitt ma ġiex esegwit minħabba xi ħaġa aċċidentali u indipendenti mill-volonta` tiegħu;

(2) fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi, volontarjament ikkaġuna feriti ta' natura ħafifa, u dan skond kif iċċertifika it-tabib J.Vella M.D. ta' Ħaż-Zebbuġ;

**2.** Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tas-17 ta' Marzu 2011 li permezz tagħha dik il-Qorti sabet lill-imsemmi Alfred Camilleri ħati skond l-akkuża, bit-tieni imputazzjoni assorbita fl-ewwel imputazzjoni u, wara li rat l-artikoli 41, 214, 216, 221 u 31 tal-Kap. 9, ikkundannatu sentejn priġunerija;

**3.** Rat ir-rikors ta' appell ta' Alfred Camilleri ppreżentat fit-28 ta' Marzu 2011 li permezz tiegħu talab li din il-Qorti tħassar, tirrevoka u tannulla s-sentenza appellata u konsegwentement tilliberah minn kull ħtija jew, alternattivament, tirriforma, tvarja u tibdel is-sentenza appellata billi tikkonferma s-sentenza appellata fil-parti fejn sabitu ħati ta' l-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu u tirrevokaha fil-parti li fiha ġie kkundannat għal sentjen priġunerija u konsegwentement tibdel il-piena inflitta għal waħda aktar lievi;

**4.** Rat l-atti kollha tal-kawża; rat il-fedina penali aġġornata ta' l-appellant esebita mill-prosekuzzjoni b'ordni ta' din il-Qorti; semgħet it-trattazzjoni; ikkunsidrat:

**5.** L-aggravji ta' l-appellant huma fil-qosor is-segwenti: (1) li l-ewwel Qorti m'għamlitx apprezzament korrett taċ-ċirkostanzi u l-fatti kollha miġjuba quddiemha, in partikolari l-fatt li mill-bidu nett ta' l-investigazzjoni mill-Pulizija, huwa saħaq li l-inċident seħħ minħabba ħsara teknika fil-vettura u mhux minħabba xi intenzjoni li jwettaq reat; (2) li l-ewwel Qorti straħet in eċċess fuq ix-xiehda tal-kwerelanti li tat deskrizzjoni hekk imsejħa "grafika" ta' l-inċident, u kkonkludiet li l-*animus* tiegħu ġej minn sempliċi diskors li ngħad f'inċidenti familjari fi żminijiet ferm qabel l-inċident mertu ta' dan il-każ; (3) li l-ewwel Qorti waslet ghas-sejbien ta' ħtija minghajr ma kien hemm il-provi meħtieġa in sostenn ta' intenzjoni speċifika li huwa ried jikkaġuna ferita gravi fuq il-persuna tal-kwerelanti; (4) li, mingħajr preġudizzju għall-aggravji preċedenti, huwa għandu fedina penali nadifa u l-piena hija waħda iebsa żżejjed tenendo kont iċ-ċirkostanzi kollha tal-każ odjern.

**6.** Issa, fil-każ in eżami, waħda mill-provi tal-prosekuzzjoni hija stqarrija rilaxxjata mill-appellant fil-15 ta' Mejju 2005 meta allura l-liġi kienet b'mod skematiku tivvjeta l-assistenza legali qabel l-interrogazzjoni. Wara s-sentenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem fl-ismijiet **Borg vs Malta** tat-12 ta' Jannar 2016, il-Qorti Kostituzzjonali kellha diversi okkażjonijiet biex tikkunsidra mill-ġdid il-kwistjoni tal-valur probatorju ta' stqarrija meħuda mingħajr assistenza legali. Hekk, fis-sentenza tagħha **Carmel Saliba vs l-Avukat Ġenerali** mogħtija fis-16 ta' Mejju 2016, il-Qorti Kostituzzjonali qalet:

**"17. Għalkemm din il-qorti temmen u ttenni illi l-interpretazzjoni minnha mogħtija fil-każ ta' Charles Stephen Muscat u sentenzi oħra mogħtija wara hija interpretazzjoni korretta u proporzjonata billi tilqa' għal abbużi min-naħa tal-prosekuzzjoni u tħares id-drittijiet ta' persuna akkużata b'reat kriminali, jidher li din l-interpretazzjoni – għallinqas fejn il-proċess kriminali jkun intemm – illum ma għadhiex aktar tenibbli fid-dawl tas-sentenza fuq imsemmija ta' Borg v. Malta mogħtija dan l-aħħar mill-Qorti Ewropea.**

**"18. Din il-qorti għalhekk illum hi tal-fehma li ma jkunx għaqli li tinsisti fuq l-interpretazzjoni li kienet tat fil-każ ta' Muscat, għalkemm ittenni li għadha temmen illi hija interpretazzjoni korretta, proporzjonata u ta' buon sens.**

**"19. Is-sentenza ta' Borg iżda għandha tinqara wkoll fid-dawl tas-sentenza l-oħra, ukoll fuq imsemmija, tal-istess Qorti Ewropea fil-każ ta' Dimech[1] fejn il-qorti tenniet illi trid tqis il-proċess fl-intier tiegħu biex tara kienx hemm smigħ xieraq, u għalhekk, fejn il-proċess kriminali, bħal fil-każ tallum, għadu għaddej, trid tistenna li jintemm il-proċess biex tqisu fl-intier tiegħu biex tara kienx hemm smigħ xieraq.**

**"20. Madankollu, fil-każ tallum il-qorti hija tal-fehma li ma jkunx għaqli li l-proċess kriminali jitħalla jitkompla bil-produzzjoni tal-istqarrija tal-attur għax tqis illi, fiċ-ċirkostanzi, in-nuqqas ta' għajnuna ta' avukat ma kienx nuqqas li ma jista' jkollu ebda konsegwenza ta' preġudizzju għall-attur billi fl-istqarrija tiegħu l-attur ammetta l-ħtija. Fiċ-ċirkostanzi huwa xieraq illi, kif qalet l-ewwel qorti, ma jsir ebda użu mill-istqarrija fil-proċess kriminali.**

**"21. Dan ma jfissirx illi l-istqarrija ttieħdet bi ksur tad-drittijiet fundamentali tal-attur; fid-dawl ta' dak kollu li ngħad fuq, partikolarment is-sentenza ta' Dimech il-ksur iseħħ jekk u meta jsir użu mill-istqarrija fil-proċess kriminali. Anzi, meta tqis illi fl-istqarrija l-attur ta informazzjoni utli biex jistgħu jinqabdu terzi li jittraffikaw id-droga, il-pulizija kellha raġuni tajba biex tinterroga lill-attur minnufih biex tikseb din l-informazzjoni kemm jista' jkun malajr.**

**"22. Għalhekk il-qorti sejra tilqa' dan l-aggravju fis-sens biss li tgħid illi ma kienx hemm ksur tad-dritt tal-attur għal smigħ xieraq meta ttieħditlu l-istqarrija, iżda, biex ma jseħħx dak il-ksur waqt il-proċess kontra l-attur, ma hijiex sejra tħassar l-ordni tal-ewwel qorti għat-tneħħija tal-istqarrija mill-inkartament tal-proċess...."**

**7.** Huwa evidenti minn din is-sentenza li, filwaqt li f'**Borg vs Malta** l-proċeduri kriminali kienu ġew konklużi, f'**Saliba**, fejn il-proċeduri ma kinux għadhom ġew

[1] Q.E.D.B. 2 ta' April 2015, rik 34373/13.

terminati, il-Qorti Kostituzzjonali wkoll iddeċidiet li l-istqarrija ta' l-akkużat kellha titneħħa.

**8.** Fil-każ in eżami, l-appellant ġie interrogat mill-Pulizija mingħajr ma ngħata aċċess għal avukat, u dan fi żmien meta kien hemm "a systemic restriction applicable to all accused persons". Huwa b'hekk irrilaxxja stqarrija mingħajr tali assistenza.

**9.** L-Avukat Ġenerali lanqas ma adduċa "compelling reasons" li setgħu jiġġustifikaw in-negazzjoni lill-appellant ta' aċċess għal avukat fl-istadju ta' l-interrogazzjoni.

**10.** Filwaqt li ma ntweriex u lanqas ma ġie allegat li l-istqarrija in kwistjoni ttieħdet bi vjolazzjoni tal-kondizzjonijiet għall-ammissibilita` ta' stqarrija ta' akkużat skont kif provdut fl-artikolu 658 tal-Kodiċi Kriminali, nonostante cio`, għar-raġunijiet indikati, in-negazzjoni tad-dritt ta' assistenza legali "at the pre-trial stage as a result of a systemic restriction applicable to all accused persons must today be held to be in violation of the conditions for the admissibility of an accused's statement".[2]

**11.** Konsegwentement l-istqarrija ta' l-appellant qed tiġi skartata.

**12.** Din il-Qorti qrat għal diversi drabi x-xiehda li ngħatat quddiem l-ewwel Qorti u eżaminat id-dokumenti esibiti. Ikollha tistqarr li dejjem baqagħlha dak il-*lurking doubt* dwar il-konklużjonijiet ta' l-ewwel Qorti. Il-każ jirrigwarda inċident li seħħ fi Triq San Ġużepp, Ħaż-Zebbuġ, meta l-appellant kien qiegħed isuq il-vann tiegħu FAS-689 u laqat lil martu Rita Camilleri. L-appellant jgħid li kif żamm ftit il-*brake* ħasadlu l-isteering u xeħtu ġol-ħajt mnejn inzertat kienet għaddejja l-mara tiegħu. Il-mara tiegħu tgħid li hu ġibed għal fuqha apposta. Jekk ġara kif jgħid l-appellant ma tistax tlum lil martu li taħseb hekk.

**13.** Din il-Qorti sejra l-ewwelnett tirreferi għal dak li jgħidu x-xhieda dwar il-manjiera ta'sewqan ta' l-appellant. Catherine Vella kienet bilqiegħda f'*wheelchair*, bħalma tgħid hi stess, "'il barra mill-bankina", ħdejn ħabiba tagħha Frances Zahra li kienet bilqiegħda fuq l-għatba tagħha. Catherine Vella tgħid li kienet qed tħares 'l isfel meta rat lil Rita Camilleri tiela' u sadattant ħasset il-vann ġej bi speed feroċi u l-*wheelchair* qisu triegħed, semgħet *brake* kbir qawwi u rat lil Rita Camilleri li daħlet ġor-rokna ta' garaxx. Frances Zahra ukoll tgħid li rat lil Rita Camilleri tiela'

---

[2] Ara **The Republic of Malta vs Chukwudi Samuel Onyeabor**, 1 ta' Diċembru 2016.

meta fil-pront għadda vann jagħfas in-naħa tagħhom u baqa' dieħel ġol-koxxa ta' bieb ta' ġara tagħhom u garaxx, u Rita Camilleri rasset lejn il-garaxx. Tgħid li l-vann kien jgħaġġel naqra għax, skond ix-xhud, qisu ħabat kważi magħhom. Pero`, tgħid ukoll li "mhux li jġerri jiġifieri bi speed qawwi ... imma mhux bi speed bil-mod ... mhux li jġerri jiġifieri ta' barra minn hawn ... jgħaġġel." Mela diġa` wieħed jinnota diskrepanza bejn dak li qalu dawn iż-żewġ xhieda dwar l-ispeed ta' l-appellant, waħda tgħid "speed feroċi" u l-oħra li mhux bi speed qawwi iżda "jgħaġġel".

**14.** Rita Camilleri tgħid li ratu ġej fid-direzzjoni tagħha, li "żied fil-gass", u kieku ma daħlitx fil-bieb ta' garaxx kien jifqagħha mal-ħajt. L-appellant qal li kien hemm xi nies barra u x'ħin wasal ħdejhom żamm ftit il-*brake* u ħasadlu l-i*steering* li xeħtu ġol-ħajt. Jindika li ma kienx għaddej bi speed elevat. Din il-Qorti mhijiex propensa li temmen li l-ispeed li kien għaddej bih l-appellant kien, fid-dawl ta' l-ambjent u ċirkostanzi (triq dejqa, żewġ persuni bilqiegħda barra fit-triq u karozzi pparkjati), baxx biżżejjed, u kien proprju għalhekk li hu applika l-*brake*. Il-fatt li l-appellant applika l-*brake* huwa fil-fatt ikorroborat minn Frances Zahra. Tistaqsi l-Qorti: u jekk verament l-appellant ried jolqot lil martu, kien japplika l-*brake*?

**15.** Mill-banda l-oħra din il-Qorti mhijiex propensa li temmen li l-ispeed kien wieħed "feroċi" kif tgħid Frances Zahra, u dan meta wieħed jikkunsidra d-danni riżultanti. Hawn se ssir referenza għax-xiehda ta' P.S. 358 Malcolm Bonello li aċċeda fuq il-post. Huwa jgħid li l-vann kellu ftit grif fil-*mudguard* u r-rim tar-rota naqra mgħawweġ. Fuq il-ħajt li ntlaqat mill-vann kien hemm dak li dan ix-xhud iddeskriva bħala "sliħ tat-*tyre*" u "grif peress li ħadu bir-*rim*".

**16.** P.S. 358 Malcolm Bonello qal ukoll li l-vann kien għadu fuq il-post naqra aktar 'l isfel. Jiġifieri l-appellant ma telaqx minn fuq il-post. Il-ħsieb immedjat hu: jekk huwa verament ried jolqot lil martu kien jibqa' fuq il-post? Mhux hekk biss iżda meta waqaf u niżel mill-vann u ra lil martu li bdiet tgħidlu "ridt toqtolni", jgħid li saqsiha x'kellha u qallha li jekk għandha xi ħaġa tmur għand it-tabib. Din il-Qorti ma ssib xejn inverosimili f'dan. Huwa dan l-atteġġjament ta' bniedem li jkun għadu kemm ipprova jolqot lil martu bil-vann? Barra minn hekk, għalkemm l-ewwel Qorti rat bħala inkonsistenzi fix-xiehda tiegħu dak li l-appellant jgħid li għamel biex jinforma lill-awtoritajiet dwar l-inċident, dawn huma biss inkonsistenzi apparenti minħabba n-natura ta' mistoqsijiet li saru u l-frasjoloġija minnu użata. Difatti huwa jgħid li mar jirrapporta l-għassa ta' Ħaż-Zebbuġ iżda kienet magħluqa. Jgħid li mbagħad "ċempilna" l-għassa ta' Ħal-Qormi, dan wara li ċemplu lil "tal-Kunsilli" (probabilment referenza din għall-*wardens*). Evidentement ma ċempilx hu għax jgħid li kien hemm it-tifel ħdejh dak il-ħin.

Sadattant nafu mix-xiehda ta' Frances Zahra li Rita Camilleri daħlet għandha ċċempel u wara ftit waslu l-Pulizija. Mela dan kollu jfisser biss li Rita Camilleri leħqet infurmat lill-Pulizija qabel l-appellant.

**17.** Jidher ukoll li l-ewwel Qorti mmiżinterpretat dokument dwar spejjeż li għamel l-appellant fuq il-vann wara l-inċident. Hija tgħid li d-dokumenti esebiti mill-appellant juru "t-tiswijiet li kien jeħtieġ li jagħmel [f]il-vann, fejn jidher li dan il-vann ġie rmunkat", u li mix-xiehda ta' Malcolm Grech jirriżulta li ma sar l-ebda irmunkar. Id-dokumenti esebiti ma jurux li kien hemm irmunkar. Issa, dwar id-Dok. AC1, bħalma jgħid l-istess Malcolm Grech, din hija rċevuta rilaxxata mill-garaxx tal-papa` tiegħu fejn jaħdem. Dan id-dokument AC1 rilaxxat minn Fred's Motor Repairs isemmi fost oħrajn "TOW IN". Din mhijiex referenza għall-irmunkar ("towing") ta' vettura iżda referenza għall-proċedura biex isir il-bilanċ ("balancing" jew "alignment") tar-roti ta' vettura. Fil-fatt it-"tow in" jagħmel sens fil-kuntest tal-parti li nbidlet, l-"idler arm".

**18.** L-appellant xehed li għal ftit taż-żmien qabel l-inċident huwa nnota li l-vann kien qiegħed jaħsadlu. Huwa spjega dan bħala "jew iżomm bis-salt jew jiksirlek l-isteering", u l-i*steering* kien jikser lejn ix-xellug. Sal-ġurnata ta' l-inċident ma kienx għadu ħa l-vann għand il-mekkanik. Meta ħa l-vann għand il-mekkanik, inbidel l-"idler arm". Is-sintomi normali ta' ħsara f'din il-parti ta' vettura huma "road walking" jew "road wandering", "play in the wheel" jew "free wheeling". Fil-każ in eżami, dak li ddeskriva l-appellant dwar li l-i*steering* kien jiġbidlu kien jindika ħsara fl-"idler arm". Barra minn hekk l-"idler arm" normalment tkun fuq in-naħa tax-xellug.

**19.** L-ewwel Qorti tgħid li l-appellant mar isewwi l-vettura għand mekkanik ġdid sabiex il-Qorti ma jkollha l-ebda informazzjoni fuq l-istat ta' l-i*steering apparatus* tal-vettura tiegħu qabel l-inċident. Din il-Qorti ma taqbilx peress illi meta wieħed iqis ix-xiehda tas-Supt Ray D'Anastas u anke P.S. 358 Malcolm Bondin li jgħidu li l-appellant informahom *a tempo vergine* b'dak li ġralu l-vann, il-Pulizija setgħet, kieku kellha xi dubju, liberament iżżomm il-vann biex isiru l-investigazzjonijiet neċessarji. U kien hemm żmien suffiċjenti għal dan. Difatti huwa sewwa tliet ġimgħat wara l-inċident.

**20.** Meta Rita Camilleri kienet qed tixhed, hija semmiet okkażjoni seba' snin qabel, u dan qabel ma telqet mid-dar, fejn tgħid li l-appellant kien heddidha. Qalet ukoll li tiela' u nieżel minn fejn id-dar tagħha u tibża' toħroġ. <u>Pero` ma jirriżultax illi qatt għamlet rapport dwar dan kollu. Saħansitra kkonfermat li qatt ma kien hemm każ ta' vjolenza</u> u li tellgħetu l-Qorti biss fuq manteniment. Qabel ma ngħatat is-

sentenza mill-ewwel Qorti, hija ppreżentat nota biex tinforma lill-ewwwel Qorti li l-appellant kien tressaq il-Qorti akkużat minħabba inċident li kellhom. B'sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tat-13 ta' April 2010, pero`, mill-fedina penali aġġornata tiegħu jidher li dwar l-imsemmi każ l-appellant ġie kkundannat ċanfira u twiddiba (R & A). Minn dakinhar il-fedina penali tiegħu baqgħet nadifa.

**21.** B'riżultat ta' l-inċident Rita Camilleri sofriet numru ta' offiżi li ġew deskritti mit-tabib li eżaminaha f'żewġ okkażjonijiet bħala ta' natura ħafifa. Meta xehdet ma ndikatx li kienet baqgħet issofri xi effetti ta' dawn l-offiżi. Hija l-fehma ta' din il-Qorti li kieku l-appellant ried jagħmel ħsara lil martu, kien jibqa' jitħaxken mal-ħajt bit-tul kollu tal-vann mentri l-ħsara li kellu kien biss fuq il-mudguard u rota ta' quddiem, u dan fil-fehma tal-Qorti, ikompli jsaħħaħ il-verżjoni ta' l-appellant li dak li seħħ ma kienx volut. Jiġifieri m'hemmx prova li baqa' jross lil martu kif tgħid l-ewwel Qorti.

**22.** Ċertament l-appellant kien traskurat meta ma marx isewwi l-ħsara li kellu fil-vettura hekk kif induna bid-difett, b'mod li għalhekk kien qiegħed isuq barra b'perikolu għal ħaddieħor u għalih innifsu. Barra minn hekk wera traskuraġni fis-sewqan tiegħu meta saq bi speed aktar elevat milli kien imissu fil-lok fejn seħħ l-inċident u meta kien jaf bid-difett li kellu l-vann.

**23.** Konsegwentement l-appellant għandu jinstab ħati tar-reat kontemplat fl-artikolu 226(1)(c) tal-Kodiċi Kriminali u tar-reat kontemplat fl-artikolu 15(1)(a) tal-Kap. 65 tal-Liġijiet ta' Malta, li huma reati kompriżi u involuti fl-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu.

**24.** Fiċ-ċirkostanzi mhuwiex il-każ li jiġi kkunsidrat l-aggravju dwar il-piena stante li issa hija applikabbli dik rigwardanti l-imsemmijin reati.

**25.** Għal dawn il-motivi tiddeċiedi billi tirrevoka s-sentenza appellata in kwantu sabet lill-imsemmi Alfred Camilleri ħati ta' l-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu u in kwantu kkundannatu sentejn priġunerija u minflok tiddikjarah mhux ħati ta' dawk l-imputazzjonijiet u minnhom tilliberah, iżda ssibu ħati tar-reati kompriżi u involuti fihom fuq imsemmija, u cioe` billi tiddikjara lill-istess Alfred Camilleri ħati talli fit-13 ta' Mejju 2005 għall-ħabta tas-sitta ta' filgħaxija, ġewwa Ħaż-Zebbuġ filwaqt li kellu l-kontroll u/jew kien qiegħed isuq vettura numru FAS-689, (1) b'nuqqas ta' ħsieb, bi traskuraġni, jew b'nuqqas ta' ħila fl-arti jew professjoni tiegħu, jew b'nuqqas ta' tħaris ta' regolamenti, ikkaġuna offiżi ta' natura ħafifa fuq il-persuna ta' martu Rita Camilleri; (2) saq il-vettura numru FAS-

689 bi traskuraġni u, wara li rat l-artikoli 226(1)(c), 225, 17 tal-Kodiċi Kriminali u l-artikolu 15 tal-Kap. 65 tal-Liġijiet ta' Malta, tikkundannah għall-perijodu massimu ta' tliet xhur priġunerija liema sentenza, a tenur ta' l-artikolu 28A tal-Kodiċi Kriminali, m'għandhiex tibda sseħħ ħlief jekk matul il-perijodu ta' erba' snin millum huwa jikkommetti reat ieħor li għalih hemm il-piena ta' priġunerija. Inoltre a tenur ta' l-artikolu 30 tal-Kodiċi Kriminali tiskwalifikah mil-liċenzji tiegħu tas-sewqan għal perijodu ta' tliet xhur millum. Fl-aħħarnett, a tenur ta' l-artikolu 383 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, torbot lill-istess Alfred Camilleri b'obbligazzjoni tiegħu nnifsu għall-perijodu massimu ta' tnax-il xahar skond l-istess artikolu 383 sabiex tkun imħarsa is-sigurta` ta' Rita Camilleri taħt penali ta' elf u ħames mitt euro (€1,500) fin-nuqqas, liema obbligazzjoni għandha ssir bil-mod infraskritt. Din il-Qorti spjegat lill-imsemmi Alfred Camilleri bi kliem ċar ir-responsabbilta` tiegħu taħt l-artikolu 28B tal-Kap. 9 jekk huwa jikkommetti matul il-perijodu operattiv reat li għalih hemm piena ta' priġunerija. Tattira l-attenzjoni tar-Reġistratur tal-Qorti għad-dmirijiet tiegħu skond is-subartikolu (8) ta' l-artikolu 28A tal-Kap. 9.